A.L. 207 ta' l-2000

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord ghall-Kontroll tat-Traffiku, ghamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u ghandhom jinqraw u jinftehmu haġa wahda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti prinċipali".

A.L., 94 ta' l-1969.

Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali ghandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fil-paragrafu B taghha, minflok is-sinjali (1), (2), (3), (4), (5) ghandhom jidhlu dawn is-sinjali li ġejjin:-

"(a)

(1)



EBDA *BICYCLE*

(b) Dan is-sinjal jipprojbixxi d-dhul fit-triq ghat-tipi kollha ta' vetturi bil-mutur hlief ghal muturi, *scooters* jew *mopeds*.

(2)



VETTURI BIL-MUTUR HUMA PROJBITI HLIEF GHAL MUTURI, *SCOOTERS* JEW *MOPEDS*

(c)

(3)



EBDA VETTURI TQAL

(d) Dan is-sinjal jipprojbixxi d-dhul fit-triq ta' annimali li jkunu mirkuba jew immexxija.

(4)



ŻWIEMEL HUMA PROJBITI

(e)

(5)



EBDA *PEDESTRIAN*"; u


(b) fil-Paragrafu D taghha:

(i) is-sinjali (15), (16), (17), (18) u (19) li jinsabu fl-imsemmi paragrafu ghandhom jiġu enumerati mill-ġdid bhala sinjali (16), (17), (18), (19) u (20) rispettivament; u

(ii) is-sinjal (14) ghandu jithassar u minnufih wara sinjal (13) ghandhom jidhlu dawn is-sinjali li ġejjin:

"(h)


(14)



HLIEF BIEX TAGHTI SERVIZZ F'DIN IT-TRIQ

(i)

(15)



HLIEF BIEX TAGHTI SERVIZZ (JEW GHAS-SIDIEN RESIDENTI) F'DIN IT-TRIQ".

Jemenda t-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali ghandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fil-paragrafu A tagħha, minflok il-kliem fis-subparagrafu (i) minn "Il-vetturi għandhom iżommu fuq" sal-kliem "rota 'l hemm minn dik il-linja." għandhom jidħlu l-kliem:

"Il-vetturi għandhom iżommu fuq ix-xellug ta' din il-linja u ma għandhomx jinsaqu fuq, 'l hemm minn, jew b'rota 'l hawn u 'l hemm, minn dik il-linja, ħlief fiċ-ċirkostanzi li ġejjin **u meta ma jkunx hemm periklu biex jagħmlu hekk:**

(a) sabiex tilħaq bini biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjal li jipprojbixxi li ddur lejn il-lemin;

(b) sabiex tidħol fi triq biswit, kemm il darba ma jkunx hemm sinjal li jipprojbixxi li iddur lejn il-lemin.";

(b) fil-paragrafu B tagħha, minflok il-kliem fis-subparagrafu (a) minn "Din il-linja timponi obbligu fuq" sal-kliem "tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni." għandhom jidħlu l-kliem:

"(a) Din il-linja timponi obbligu fuq kull vettura li tkun fuq triq sekondarja qabel ma tidħol fi triq prinċipali, li tieqaf mal-linja trasversali singola qabel ma r-roti ta' quddiem jilħqu dik il-linja trasversali, u li ma taqbiżx dik il-linja b'dak il-mod jew f'dak il-waqt li tista' tkun ta' periklu lil xi vettura oħra li tkun fuq it-triq prinċipali jew li tista' tagħti lok li dik il-vettura l-oħra jkollha tibdel il-veloċità jew ir-rotta tagħha biex tevita li ssir kolliżjoni."; u

(ċ) fil-paragrafu Ċ tagħha, minflok il-kliem fis-subparagrafu (ċ) partita (iv) minn "Il-vetturi għandhom jiġu hekk ipparkjati" sal-kliem "ġewwa l-*bay* xieraq skond id-daqs tagħhom." għandhom jidħlu l-kliem li ġejjin:

"Il-vetturi għandhom jiġu hekk ipparkjati, kemm jista' jkun, ġewwa l-ispazju għall-ipparkjar b'dan li jidħlu fin-nofs tal-*bays*.

Fil-każ ta' *bays* ta' daqsijiet diversi l-vetturi għandhom jiġu pparkjati, kemm jista' jkun, ġewwa l-*bay* xieraq skond id-daqs tagħhom.".